# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt


4 ta' Awwissu, 2009

## Minuti tal-laqgha numru 31(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 31(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju, 2009, fi 6.00 ta' filghaxija, liema laqgha kellha ssir nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju, 2009, izda minhabba ragunijiet li l-istess Kunsill ma kellux kontrol fuqhom giet posposta ghat-Tnejn 27 ta' Lulju, 2009

### Preżenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-Sur Ivan Peresso – Kunsillier.

Is-Sinjura Judith Saliba, Kunsilliera kif ukoll is-Sinjura Miriam Grech, Kunsilliera kienu skuzati minhabba ragunijiet familjari

Ippresieda s-Sindku, s-Sur John Boxall

### Talba

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal laqgħa.

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**.

Il-Minuti tal-laqgha 29(05) u 30 (05) ittiehdu bhala moqrija.

**1.1 Item 1.1 (29/05), Triq San Lawrenz fil-Birgu**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed isiru diversi kuntatti mal-kuntrattur “Barbros Schembri” sabiex naraw meta ser jasal il-materjal ghat-tqeghid fi Triq San Lawrenz.

**1.2 Item 1.2(29/05), Triq il-Kunvent**

Il-Kunsill ghadu qed jistenna r-rapport min-naha ta’ l-Awtorita tat-Trasport.

1.3 Dwar Item 1.4(29/05), Is-Sur John Boxall, Sindku qal li il-kunsill ghadu qed jistenna risposta kemm min-naha tal-MEPA, kif ukoll min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali taht l-iskema dwar l-accesibilita ahjar fil-lokalita.

1.4 Dwar item 2.11 (29/05), s-Sur John Boxall, Sindku tah rendikont dwar il-laqgha li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva, attendew mad-direttur u raprezentanti ohra tal-Maritime Trade Centre dwar il-progett tar-rigenerazzjoni tal-Bacir numru wiehed u l-upgrading ta’ Xatt ir-Rizq.

1.5 Item 1.5, Dwar item 2.21 (29/05), is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz ma uzawx l-palk tal- Kunsill, kif mitlub mill-istess Socjeta ghall-attivita li ttelghet nhar il-Gimgha 24 ta’ Lulju, 2009.

1.6 Dwar item 2.22 (29/05), Is-Sur John Boxall, Sindku stqarr li kien gie nfurmat li mill-Kunsilli Lokali kollha tal-Kottonera, kien l-Kunsill Lokali tal-Birgu biss li tah donazzjoni lil Ghaqda Regatta Nazzjonali ghal xiri ta’ trophies ghall-organizazzjoni tar-Regatta ta’ taht it-tmintax-il sena. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex din id-donazzjoni ma tibqax tinghata sakemm il-Kunsilli l-ohra ma jaghtux din id-donazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Dwar item 2.27 (29/05), t-talba li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghamel lid-Dipartiment tax-Xoghlijiet sabiex isiru xoghlijiet ta’ manutenzjoni tat-tliet lattrini Pubblici u jigu nkluzi mal-progett tas-Swar, il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

1.8 Dwar item 4.0 (29/05), Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar l-Erbgha 24 ta’ Gunju, 2009, saret l-ewwel laqgha tas-Sotto Kumitat maghmul min-nies barranin li jghixu permanenti fil-Birgu. Is-Sindku talab sabiex f’data konvenjenti tissejjah it-tieni laqgha ta’ dan il-Kumitat.

Il-Minuti tal-laqgha 29(05) u 30(05) gew approvati unanimament.

## 2. Korrispondenza

2.1 Talba minghand is-Sur Lawrence Saliba sabiex jigi nstallat ”mobile kiosk unit” gewwa Couvre Porte, fejn mil-liema kiosk, t-turisti jkunu jistghu jiksbu nformazzjoni dwar Il-Birgu, kif ukoll l-”audio guide” maghmul mill-Kumpanija ”Cultel”. Is-Sindku pprezenta

ritratt tal-"Mobile Kiosk" propost. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu, ma' qablux ma' dak propost mis-Sur Saliba.

2.2 Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li waqt il-laqgha li saret ma' rapprezentanti tal-Heritage Malta (il-Palazz ta' l-Inkwizitur), gie ssugeriet li l-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti, isir Nhar il-Hadd 15 ta' Novembru, 2009. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku prezenta tliet kwotazzjonijiet ghas-suffett ghas-Sala ta' fuq, fejn jekk kemm -il darba il-progett tas-Sinjura Tunde Kallai, jigi approvat, ser jigu spustjati l-ufficini ta' l-istaff Klerikali. Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija Agius Decorations ghall-prezz ta' € 2721.08, kwotazzjoni minghand il-Kumpanija Gypsum 2000 ghall-prezz ta' €2899.26, kif ukoll kwotazzjoni minghand il-kumpanija Home Style, ghall-prezz ta' € 2295.11. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta, dik tal-Kumpanija Home Style. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Barra minn hekk, is-Sindku pprezenta kwotazzjonijiet ghall-installazzjoni ta' dawl minghand il-Kumpanija Castlegard Holdings Ltd ghall-prezz ta' € 1115.92. Wara d-diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex tigi accetata din l-imsemmija kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Email mibghuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Memo 42/09, l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet ghas-sena 2010, li ser isiru bejn l-1 ta' Dicembru, 2009 u l-15 ta' Gunju, 2010 u l-15 ta' Settembru, 2010 u l-31 ta' Dicembru, 2010. Wara diskussjoni, is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa sabiex f'dan l-istadju, l-Kunsill Lokali tal-Birgu japplika biss ghall-attivita tal-Birgufest 2010. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Ittra minghand l-ETC dwar l-inizjattiva mehuda minn din il-korporazzjoi u l-progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea "Employability Programme", fejn din il-korporazzjoni lesta li toffri korsijiet lill-komunita bil-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa f'dan il-progett fi hdan l-ETC u joffri dawn il-korsijiet lir-residenti tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Is-Sindku pprezenta rapport mahrug mis-Sur John Bonavia, Authorised Officer tal-Kumitat Kongunt tal-Fgura, ta' kemm inghataw kontravenzjonijiet mill-Gwardjani Lokali fil-Belt tal-Birgu mill- 1 ta' Gunju, 2009 sat-Tlieta 14 ta' Lulju, 2009. Is-Sindku pprezenta dan ir-rapport lill-Kunsilliera prezenti ghas-sodisfazzjon taghhom.

2.7 Talba minghand is-Sur Joseph Ciantar, membru fi hdan l-Malta Branch Royal British Legion, fejn talab sabiex din l-assoccjazzjoni jkollha link mal-website tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu sabiex din it-talba tigi milqugha.

2.8 Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mill-Fondazzjoni Temi Zammit sabiex jissieheb fil-progett "Project on

sustainable Energy Communities on Coastal Territories under the Intelligent Energy Programme". Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jissieheb f'dan il-progett u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku prezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija SMW Cortis ghall-antiporta ghal-librerija li hemm fil-Berga ta' l-Ingilterra ghall-prezz ta' € 1050 minghajr il-VAT. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaccetta din il-kwotazjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sindku pprezenta email minghand is-Sinjura Amandine Leopold, Segretarja ta' l-Assocjazzjoni AVEC, fejn nfurmat lill-Kunsill, li s-Sur Benoit Stievenart mill-Kunsill ta' Anderlecht fil-Belgjum, xtaq li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jkun wiehed mis-shab ta' progett taht is-sejha URBACT II fejn il-finanzjament ghal dan il-progett ser ikun ta' madwar € 60,000 b'ko-finanzjamnet min-naha tal-Kunsill ta' bejn 70% u 80%. Wara diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jissieheb f'dan il-progett u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Talba mis-Sur Matthew Dimech, sid il-hanut Cafe du Brazil sabiex zewg barriers bir-reklam tal-hanut tieghu jitwahhlu fic-central strip ta' quddiem Cafe Richie, ezattament fejn hemm l-arblu tal-Kunsill u fuq il-bankina fi Triq il-Gublew tal-Fidda fejn hemm il-Bus lane. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu, l-Kunsilliera prezenti qablu sabiex jinghata l-permess mehtieg.

2.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni ghall-ghajnuna fil-ko-finanzjament tal-progett Oralities, gie meqjus bhala eligibbli u l-istess Kunsill nghata ghajnuna finanzjarja ta' € 10,218.

2.13 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ipprezenta ittra minghand il-Fondazzjoni OASI, fejn talbu lill-Kunsill sabiex jinnominaw zghazugh ghall-premju "Zghazugh tas-Sena 2009". Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur John Boxall ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina lis-Sur Christopher Pisani. Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. Il-Progress dwar ix-xoghol tal-UEFA Mini Pitch fil-Birgu

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lill-Kunsilliera prezenti lill-Kunsill kien applika taht l-iskema "Urban Improvement Fund" fi hdan il-MEPA sabiex jigi nstallat UEFA Mini Pitch fl-Iskola Primarja Santu Rokku, izda l-awtorita nfurmat lill-Kunsill li din l-applikazzjoni ma tistax tigi accettata peress li l-post maghzul mhux art pubblika. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japplika taht din l-iskema UIF, sabiex jigu nstallati l-arbli tad-dawl u jsir id-dawl fejn sar il-hadid ftit tax-xhur ilu biex dan il-progett jinghalaq fi Triq Fuq tal-Hawli. Is-Sur Ivan Peresso, Kunsillier issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex ix-xoghol tal-UEFA Mini Pitch gewwa l-Iskola Primarja Santu Rokku jsir xorta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku pprezenta tliet kwotazzjonijiet ghall-installazzjoni ghall-fencing mad-dawra tal-Mini Pitch. Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija ”Roderick Steel Works” ghall-prezz ta’ € 6301.20, kwotazzjoni minghand il-kumpanija Oscar & George Zarb ghall-prezz ta’ € 5369, u kwotazzjoni minghand il-kumpanija InterSteel & Fence Ltd ghall-prezz ta’ €4590.20. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex tigi maghzula l-kwotazzjoni tal-Kumpanija InterSteel & Fence Ltd peress li din kienet l-irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**4. <u>Sitwazzjoni prezenti dwar Gallerija Couvre Porte</u>**

Is-Sindku,S-Sur John Boxall ta spjegazzjoni tas-sitwazzjoni prezenti dwar Gallerija Couvre Porte, kif ukoll nforma lill-Kunsilliera dwar il-laqgha li l-istess Kunsill kellu ma’ l-Onorevoli Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni Dr. Chris Said u l-Onorevoli Segretraju Parlamentari ghall-Erarji Pubblici u Artijiet fil-Ministeru tal-Finanzi, Dr. Jason Azzopardi fejn kien hemm prezenti hu bhala Sindku, il-Kunsillier Ivan Peresso u l-Kunsilliera Judith Saliba u s-Segrtarja Ezekuttiva s-Sinjorina Christine Bonello. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti regghu kkonfermaw id-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha numru 29(05) li jekk f’kaz li Gallerija Couvre Porte, l-kitchenette u l-istore jigu mehuda lill-Kunsill, b’effett immedjat, jaghtu r-rizenja taghhom. Is-Sindku stqarr li l-istess Kunsill ghandu jitlob dikjarazzjoni lill-Kunsilliera li ma kienux prezenti ghal din il-laqgha li d-decizjoni mehuda fil-laqgha precidenti ghada tghodd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5. <u>Decizjoni dwar it-tender ghat-tiswija u manutenzjoni ta’ dwal tat-toroq</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li peress li ghall-ewwel sejha dan it-tender ma kien ngabar minghand l-ebda kumpanija, din is-sejha ghall-offerti regghat inharget u ser tinghalaq nhar il-Gimgha 31 ta’ Lulju, 2009, f’nofs inhar.

**<u>6.</u> <u>Decizjoni dwar it-tender ghall-knis u tindif tat-toroq</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-sejha ghat-tender ghall-knis u t-tindif tat-toroq ghalqet nhar il-Gimgha 19 ta’ Gunju, 2009, biss ghalkemm intefghu zewg applikazjonijiet gie nnutat li bi zvista kien hemm zball fit-tender mahrug. Wara diskussjoni s-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa sabiex dan it-tender jerga jinhareg. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**<u>7.</u> <u>Decizjoni dwar it-tender ghal zamma u manutenzjoni ta’ toroq pedonali u ta’ toroq li jkunu ghall-access biss</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li din is-sejha ghalqet il-Gimgha 19 ta’ Lulju, 2009 u ghaldaqstant ntefghet applikazzjoni wahda biss, dik tal-kumpanija Lia Brothers Rock Cut

Ltd. Is-Sindku stqar li wara diskussjoni mal-Perit tal-Kunsill, irrizulta li l-prezzijiet kkwotati huma ragonevoli u ghaldaqstant issugerixxa sabiex il-Kunsill jaccettata din l-offerta. Il-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**8.** **Jum Il-Birgu, 2009**

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar ta rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghall-organizzazzjoni ta' Jum il-Birgu, 2009.

9. **Konferenza Teknika tal-progett Oralities fil-Birgu**

Is-Sur John Boxall, Sindku, ta rendikont lill-Kunsilliera prezenti tal-preparamenti li qeghdin isiru hall-konferenzg tal-progett Oralities, Ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea, liema konferenza ser issir bejn it-3 u s-6 ta' Settembru, 2009.

Wara diskussjoni il-Vici Sindku ssugerixxa sabiex ic-celebrazzjonijiet ta' Jum il-Birgu isiru s-Sibt 5 ta' Settembru, 2009 minflok il-Hadd 6 ta' Settembru, dan sabiex il-partecipanti tal-konferenza teknika jkunu jistghu jattendu ghall-attivitajiet li ser jigu organizzati. Is-Sindku, ssekkonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**10.** **Permessi dwar attivitajiet ta' Barbeques fil-Birgu**

Is-Sindku ta spjegazzjoni dwar is-sitwazzjoni ghall-permessi ta' attivitajiet ta' Barbeques magenb il-bahar fil-Birgu, fejn ghalkemm mhux qed jinzamm il-hlas ghall-permess, il-Kunsill qed iheggeg sabiex il-permess mehtieg jintalab xorta.

**11.** **BirguFest 2009**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall pprezenta l-minuti tal-laqgha ghall-ghaqdiet kollha tal-Birgu li saret it-Tlieta 30 ta' Gunju. Wara diskussjoni, s-Sur Christopher Cassar, Vici Sindku, ssugerixxa sabiex il-hlasijiet tal-permessi ghall-BirguFest jkunu :

- € 100 ghal tliet ijiem ghall-ghaqdiet tal-Birgu u entitajiet kummercjali tal-Birgu
- € 250 ghal tliet ijiem ghall-entitajiet kummercjali minn barra l-Birgu

Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**12.** **Hwejjeg Ohra**.

**12.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera dwar ix-xoghlijiet li qeghdin isiru fi Triq il-Habs l-Antik fejn il-bankina ser tittranga u tinghata bil-Concrete. Biss, is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta minghand il-Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-ilma sabiex tinghata l-approvazzjoni biex isir il-bdil tas-servizzi tad-djar fejn ser tinqala t-triq, liema xoghlijiet ser isiru mill-Kuntrattur tal-Kunsill izda jithallsu min-naha tal-Korporazzjoni.

**12.2** Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona li din il-lista tigi approvata. Is-Sur Christopher Cassar, Vici Sindku ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija.

__________________________ __________________________

Christine Bonello ikkonfermati John Boxall
Segretarja Ezekuttiva Sindku